MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru. 144/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**Simon Spiteri ta' 49 sena bin Espedito u Concetta nee' Cutajar, imwieled Pieta' fl-10 ta' Settembru 1963. Residenti f'Kurunell Court, Flat 2, Triq Dun Anton Tabone, San Giljan, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 470763(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, Simon Spiteri akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Awwissu 2007 u fil-jiem u x-xhur ta'qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi

jew billi ghamel uzu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, tmin mija u erba' mitt ewro u sebgha u hamsin centezmu (€122,804.57) ghad-dannu ta' Diane Grech mis-Swieqi.

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadt u zammejt ghandek l-ammont ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, tmin mija u erba' mitt ewro u sebgha u hamsin centezmu (€122,804.57) ghad-dannu ta' Diane Grech misSwieqi.

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, irceva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi haddiehor.

Kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument falz.

U aktar talli ikkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar is-6 ta' Dicembru 2006, liema sentenza saret definitiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-15 ta' Ottubru 2008.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat, b'mod ewlieni, qed jigi akkuzat bir-reat tal-frodi a tenur ta'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

**IL-LIGI**

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew***

***Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-

assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.”***

***“….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid***
***jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem “bi hsara ta' haddiehor” ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali***

***tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :
***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche***
***l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal

sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

## IL-FATTI

Illi fuq il-fattispecje ta' dana il-kaz ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni. Jidher illi kien ghal habta tas-sajf tas-sena 2007 meta l-parti leza Diane Grech kienet saret taf lill-imputat. Tghid illi saret tafu tramite missierha li introduciehula u qalilha li seta' ighinha fil-business taghha gewwa Tunez. Grech fil-fatt iltaqghet ma'l-imputat fejn spjegatlu illi l-business taghha kien qala' daqqa ta' harta minhabba is-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. L-imputat ghalhekk kien ghamlilha proposta rigward il-ftuh ta' diversi hwienet *duty free* gewwa seba' ajruporti f'Tunez fejn huwa kien jaf hafna nies fosthom ministri u ufficjali gholja ohra fil-pajjiz. Grech ghogbitha dina l-proposta u ghalhekk kienet ghamlet xi laqghat ma'l-imputat fejn tghid illi kienu jiltaqghu gewwa l-Hilton Executive Lounge. Tghid illi hija osservat illi l-imputat kien midhla sew ta' dana il-post u li kien jigi trattat tajjeb bhala persuna important u prominenti. Kien jipprezenta ruhu bhala bniedem sinjur u li kien midhla ta' diversi nies prominenti. Hija saret hbieb ukoll mal-mara tieghu u minn hawn nibtet hbiberija bejn iz-zewg familji.

L-imputat kien stqarr ma' Grech illi huwa kien jaf diversi ministri u ufficjali gholjin gewwa Tunez u ghalhekk seta jaghtiha garanzija illi dina l-koncessjoni ta' dawn il-hwienet kienet ser tigi moghtija lilha, izda hija kellha tghaddielu l-

ammont ta' $US50 000 sabiex huwa ikun jista' ihallas lil dawn in-nies. Grech accettat li thallas dawn il-flus ghaliex ma reditx titlef dina l-opportunita. Sabiex jikkonvincieha minn dak li kien qed ighidilha l-imputat kien anke urieha diversi e-mails minn fejn jidher illi huwa kien qed jikkorrispondi ma' dawn l-ufficjali gholja li minn naha taghhom kienu qed jaghtuh assigurazzjoni illi l-proposta tieghu kienet ser tigi accettata u li l-koncessjoni kienet ser tinghata. Grech ghalhekk ghaddiet dawn il-flus lill-imputat permezz ta' tlett cekkijiet mahruga mill-kont taghha gewwa l-Bank of Valletta plc, kollha intestati favur l-imputat fl-ammont ta' Lm5240 kull wiehed, total b'kollox ta' Lm15720. Dawn it-tlett cekkijiet gew imsarrfa fi flus kontanti mill-imputat.[1]

Sadanittant l-imputat kien ukoll talab lil Grech isselliflu is-somma ta' Lm37000 u li hu kien ser iroddilha dawn il-flus lura fi zmien xahar. Qalilha li huwa kellu bzonn dawn il-flus minhabba li ried jinvesti f'progett fil-qasam tal-kostruzzjoni gewwa Tunez u li jekk ma ihallasx dawn il-flus huwa kien ser jitlef dana l-progett. Kien qalilha illi ma kenitx ser tkun problema ghalih li jirrifondilha dana is-self peress illi huwa kien proprjetarju ta' lukanda gewwa Manchester fl-Ingilterra li kienet tirrendilu profitti ta' £800000 fis-sena. Grech regghet fdat lill-imputat u sellfitu dawn il-flus. Dan sar permezz ta' tmien cekkijiet ukoll mahruga mill-kont taghha mal-Bank of Valletta.[2] Dawn ic-cekkijiet ukoll gew imsarrfa minn Simon Spiteri ghajr ghal cekk wiehed minnhom li jidher illi l-imputat kien uzah sabiex ihallas l-kera lis-sidien tal-post residenzjali tieghu.[3]

Gara illi ghadda x-xahar, izda l-imputat baqa' ma raddx lura il-flus li Grech kienet selfitu. Inoltre ghalkemm l-imputat kien qed iweghdha illi kienu ser jaghmlu laqgha gewwa Tunez ma' dawn l-ufficjali gholja fil-pajjiz biex jikkonkludu dina l-koncessjoni tal-hwienet *duty free* fl-ajruporti, madanakollu dana il-*meeting* qatt ma sehh. Jidher illi l-imputat kien gab diversi skuzi kull darba sabiex il-laqgha tigi posposta. Fl-ahhar Grech iddecidiet

[1] Cekkijiet esebieti fid-Dokument AG2 a fol.28
[2] Cekkijiet esebieti ukoll fid-Dokument AG2 a fol.28
[3] Xhieda Alice Cuschieri a fol.134

tikkonsulta ruhha ma' avukat u minn hawn hija ghamlet rapport mal-pulizija.

L-imputat minn hawn jigi mitkellem mill-pulizija fejn jirrilaxxja stqarrija fit-13 ta' Jannar 2008. L-imputat ighid illi l-istorja dwar il-koncessjoni tal-hwienet *duty free* gewwa Tunez kienet kollha invenzjoni tieghu u li kien ghamel dan sabiex igieghel lil Grech tghaddielu il-flus. Huwa ighid illi dawn il-flus uzhom sabiex ihallas id-djun li kellu ma terzi. Ighid ukoll illi l-*emails* illi kien qed juri lil Grech kien ghamilhom hu fuq il-kompjuter tieghu u li wara ghaddiehom lil Grech sabiex jikkonvincieha mill-veracita ta' dina l-istorja. Ighid ukoll illi l-accountant Louis Padovani li jissemma f'dawn l-*emails* ma kienx jaf illi dina l-istorja kienet messa in xena u kien fil-fatt ghamel l-arrangamenti sabiex ikun jista' isiefer flimkien ma' Grech biex jiltaqa' ma' dawn in-nies Tunezin. Fl-istqarrija, l-imputat jammetti ukoll illi huwa kien gieghel lil Grech isselliflu is-somma ta' Lm37000 abbazi ta' invenzjoni ohra minn tieghu. Jistqarr illi mhuwiex minnu illi huwa kellu xi progett ghaddej gewwa it-Tunezija, izda ukoll li ried dawn il-flus billi kellu xi djun li ried ihallas. Ighid ukoll illi f'okkazzjoni partikolari kien gieghel lil Grech temmen illi huwa kien qieghed jikkonversa ma' xi ufficjali tac-Central Bank meta dana ma kienx minnu. Dana ghamlu ukoll biex jikkonvinci lil Grech illi huwa kellu dana il-progett ghaddej. Ighid fl-istqarrija tieghu illi iddispjacieh li qarraq b' Diane Grech u li lest li iroddielha lura il-flus li ha indebitament.[4]

Illi l-prosekuzzjoni tressaq diversi provi li juru dina l-messa in xena li kien holoq l-imputat sabiex igieghel lil Grech tghaddielu dina s-somma ta' flus sostanzjali. Fl-ewwel lok, Diane Grech tixhed u tispjega fid-dettall is-sekwenza tal-fatti mill-mument li iltaqghet ma'l-imputat sal-mument li ghamlet ir-rapport mal-pulizija. Issostni illi l-flus li hija ghaddiet lill-imputat huwa baqa' ma tahomliex lura. Tghid illi l-progett li kien semmielha qatt ma immaterjalizza ghaliex dak kollu li kien ippropronielha hija kienet skopriet aktar tard li kien gidba. Fil-fatt tghid illi minn indagini illi hija ghamlet skopriet illi mhuwiex minnu illi kienu inhargu

[4] Ara stqarrija Dokument AG1 a fol.25

xi tenders gewwa Tunez ghal ftuh ta’ hwienet *duty free* gewwa l-ajruporti ta’ dana il-pajjiz. Illi anke fir-rigward tas-self ta’ flus li kienet ghamlet favur l-imputat, tghid illi dawn qatt ma thallsu lura minnu u li anke il-progetti li kien semmielha gewwa Tunez ukoll kienu biss frott ta’l-imaginazzjoni tieghu. Il-Qorti temmen bi shih ix-xhieda ta’ dina l-mara li sfat ingannata mill-imputat u spiccat ghaddieltu ammont kbir ta’ flus ghax kienet taht l-impressjoni illi l-imputat u il-familja tieghu kienu nies li setghet tafdhom u li fil-fatt maghhom hija anke bniet hbiberija. Illi l-imputat huwa *a confident trickster par excellence* li jirnexxielu igieghel lil vittma tieghu temmen dak illi bniedem normali x’aktarx jasal biex ma jemminx

Illi fil-kors tat-trattazzjoni ta’ dina l-kawza giet esebieta il-*hard drive* tal-kompjuter ta’l-imputat li kien gie elevat mill-pulizija fil-kors ta’l-investigazzjonijiet. Illi minn ezami li sar ta’ dana l-*hard drive* gew misjuba l-*emails* li l-parti leza taghmel referenza ghalihom u li huma esebieti in atti.[5] Illi kemm mir-rapport maghmul mill-ufficjal tal-pulizija fi hdan ic-Cyber Crime Unit, u cioe’ il-PC1490 Joseph Muscat, kif ukoll mir-rapport imhejji mill-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajjada[6] jirrizulta illi dawn l-*emails* gew maghmula mill-imputat u mibghuta lilu innifsu fuq l-istess kompjuter. Dawn intbaghtu minn u lill-*email address* xmun1@onvol.net li hija l-*email address* ta’l-imputat.[7]

Ma hemmx dubbju illi c-cekkijiet li harrget Diane Grech favur l-imputat gew imsarrfa kollha mill-istess imputat ghajr ghall-cekk wiehed. Mix-xhieda ta’ Joseph Borg Cardona, rapprezentant tal-Bank of Valletta plc, jirrizulta illi fuq in-naha ta’ wara tac-cekkijiet hemm il-firma u in-numru tal-karta ta’ l-identita ta’l-imputat li ifisser illi l-imputat irceva il-flus meta issarrfu dawn ic-cekkijiet minnu. Ghar-rigward ta’ cekk wiehed bin-numru 1176 fl-ammont ta’ Lm2500, dana gie iddepozitat fil-kont ta’ Alice u Leo Cuschieri u gie mhgoddi lil dawn in-nies mill-imputat

[5] Dokument AG6 esebieti a fols. 32 sa 59
[6] Ara Dokument AG8 a fol.74
[7] Ara xhieda Dr. Louis Bianchi a fol.128

sabiex ihallas il-kera ta'l-appartament li hu jikri minn ghandhom.[8]

Illi l-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta' Louis Padovani u Anthony Grech li l-imputat kien semmiehom mal-parti leza sabiex jikkonvincieha mill-veracita tal-proposta li kien qieghed ighamlilha. Fil-fatt l-imputat ighid lil Grech li Anthony Borg kien il-*partner* tieghu fil-*business*. Meta jixhed Borg huwa jichad illi kien shab ma'l-imputat f'dan in-negozju u li iltaqa' ma' Grech darba wahda biss. Ighid ukoll illi fuq talba maghmula lilu mill-imputat kien ipprepara ftehim u cioe' *commission agreement* sabiex jigi iffirmat bejn l-imputat u Grech in konnessjoni ma' ftuh ta' hwienet *duty free* gewwa Tunez, izda jichad illi kellu xi involviment iktar minn dan f'dina l-istorja.[9] Louis Padovani kien l-*accountant* li inkariga l-imputat sabiex jiehu hsieb it-trattativi li kellhom isiru, ipotetikament, ma' dawn it-Tunezin. Louis Padovani fix-xhieda tieghu ighid illi huwa ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi dina l-istorja kienet ivvintata u kien ghalhekk illi kien iddiskuta dina l-koncessjoni ma' Diane Grech tant illi gew skambjati xi *emails* maghha u kien anke ha hsieb jaghmel l-arrangamenti necessarji ghal laqgha li kellha issir gewwa Tunez. Ighid izda illi wara dan l-imputat kien infurmah illi l-vjagg ma kienx ser isir minhabba xi problemi li kellu mal-kuntatti tieghu gewwa Tunez. Ighid illi l-imputat qatt ma qallu min kienu dawn il-kuntatti li kellu u li hu qatt ma siefer lejn Tunez in konnessjoni ma' dana il-progett.[10]

Illi l-imputat ma jixhidx fil-kawza u ma iressaqx provi in difeza. Illi ghandu jinghad mill-bidunett illi ghalkemm l-istqarrija ta'l-imputat ittiehdet fiz-zmien meta il-ligi vigenti ma kenitx taghti dritt lill-persuna interrogata tikseb parir legali qabel taghmel dan, madanakollu l-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz l-ammissjoni ta'l-istqarrija ta'l-imputat bhala prova fl-atti ma hijiex leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u dana peress illi fl-atti hemm bizzejjed provi li jistghu iwasslu ghar-reita ta'l-imputat u kwindi l-istqarrija tieghu wahedha mhix ser twassal ghal kundanna. Li kieku

[8] Ara xhieda ta' Alice Cuschieri a fol.134 u id-Dokument AC a fol.136
[9] Ara xhieda ta' Anthony Borg a fol.144 u il-ftehim Dokument TB1 u TB2 a fol.148 u 152.
[10] Ara xhieda ta' Louis Padovani a fol.98

l-Qorti kienet ser tasal sabiex tikkundanna lill-imputat abbazi biss ta’ dak mistqarr minnu fl-istqarrija tieghu, allura iva, f’tali cirkostanza ikun hemm lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq, izda hawnhekk hawn provi skjaccanti fl-atti li jindikaw lil hinn minn kull ombra ta’ dubbju messa in xena shiha li l-imputat holoq appozitament sabiex igieghel lil Grech tghaddielu somma sostanzjali ta’ flus. Dawn huwa juzahom sabiex ihallas id-djun personali tieghu u ghadu sal-lum ma hallasx lura lanqas sold wiehed minn dak mehud indebitament.

Ghaldaqstant abbazi tal-provi li hemm fl-atti ma hemmx dubbju illi l-imputat permezz ta’ raggiri u ingann holoq messa in xena shiha sabiex b’hekk huwa iddefroda lil Diane Grech is-somma ta’ €122804.57. Illi mill-assjem tal-provi mismugha l-Qorti hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-akkuza ai termini ta’l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9. Billi jirrizulta illi l-akkuza dwar ir-reat tal-frodi innominat inghatat bhala kap alternattiv ghal dak tal-frodi, l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reat ikkunsidrat f’dina id-disposizzjoni tal-ligi indikata mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta’ rinviju.

Ikkunsidrat,

Illi fil-kaz in dizamina, l-imputat qed jigi ukoll akkuzat bir-reat ta’l-approprazzjoni indebita u dana kif rifless fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali.

**Ir-Reat ta’l-Approprazzjoni Indebita**.

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplata fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffigura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha ***a proprio commodo o vantaggio****;*

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007)

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat.

"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li ikun qed jippossjedi

ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqslikieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

"***La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio***" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[11]

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."

---

[11] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche***

***inútilmente fatte allo scopo di esigere. <u>In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo</u>."***

Illi mill-esposizzjoni legali ta'l-elementi mehtiega dwar ir-reat tal-misappropprazzjoni jidher illi dana ir-reat huwa ibbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li ikun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu irid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma iridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqies illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.

Illi minn ezami akkurat tal-provi ma jidhirx illi dana ir-reat jista' jisussisti. Dana qed jinghad ghaliex l-parti leza ghaddiet il-flus lill-imputat abbazi ta' ingann u xejn izjed. Grech ghaddiet il-flus lill-imputat f'zewg okkazzjonijiet. Fl-ewwel okkazzjoni, hija ghaddietlu il-flus ghaliex allegatament huwa qalilha lli riedhom biex ihallas lill-awtoritajiet gewwa Tunez ghal koncessjoni tal-hwienet *duty free*. Dina l-affermazzjoni madanakollu kienet kollha gidba. Li kieku kien minnu illi dawn il-flus gew mghoddija ghal dana il-ghan u l-imputat ghamel uzu minnhom ghar-raguni ohra allura kien jisussuti ir-reat tal-misappropjazzjoni, izda f'dana il-kaz huwa ma kienx qed jagixxi bhala agent, depozitarju jew konsenjatarju. L-imputat ivvinta storja shiha sabiex jikkonvinci lil vittma tieghu tispossessa ruhha minn flusha u tghaddiehom lilu. Dan huwa kaz car ta' frodi u mhux ta' approprjazzjoni indebita. L-istess jista' jinghad ghat-tieni okkazzjoni fejn Grech sellfet il-flus lill-imputat. L-imputat stqarr maghha illi huwa ried il-flus sabiex jinvestiehom fi progett li kellu f'Tunez. Kien ghalhekk illi hija ghaddietlu dawn il-flus. Izda din kienet gidba ukoll. Dana il-progett ma kienx jezisti u l-imputat holoq dina l-hrafa biex jerga' jiehu somma flus ohra minn ghand Grech. Anke hawnhekk ghalhekk l-elementi legali li isawwru ir-reat ta'l-approprazzjoni indebita ma jirrizultawx. Dana ghaliex ma kien hemm l-

ebda ftehim bejn l-imputat u l-parti leza dwar l-uzu li kellu jaghmel minn dawn il-flus. Dana il-ftehim kien biss frott ta'l-imaginazzjoni ta'l-imputat u kien abbazi ta' dana l-ingann illi Grech ghaddietlu il-flus u mhux minhabba xi ftehim li kien hemm bejniethom.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju jindika disposizzjoni ohra tal-ligi u cioe' r-reat ikkontemplat fl-artikolu 121A(2) tal-kapitolu 9 li li jaqra:

***"Kull min jitlob, jircevi jew jaccetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu."***

Illi l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-ligi giet esposta f'zewg sentenzi moghtija mill-Qrati taghna u cioe' wahda moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 flismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Noel Arrigo u it-tieni wahda deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gino Zammit fejn inghad:

**"*Illi minn ezami ta'l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti.***

***Mela hawn ghandha il-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."***

***"Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fissubartikolu***

***(1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C. (sottolinear tal-Qorti)."***

***"Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz."***

***"Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi fl-art. 121A (2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu.*"**

Illi minn ezami ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi, l-Qorti hija tal-fehma li lanqas dana ir-reat ma jista' jissussiti. Illi huwa minnu illi l-imputat talab il-flus lil Diane Grech sabiex huwa ikun jista' ighaddiehom lil xi ministru jew ufficjali gholja Tunezin u dana sabiex hija tkun tista' takkwista it-*tender* ghal dawn il-hwienet *duty free*, madanakollu dina is-sitwazzjoni ma kenitx tezisti. L-imputat ma accettax il-flus ghal dan il-ghan. Kiseb dawn il-flus taht pretenzjoni falza tant hu hekk illi jidher illi gewwa Tunez ma kienu inhargu l-ebda *tenders* f'dana ir-rigward. Kwindi meta l-imputat talab dawn il-flus lil Grech huwa ghamel dan bil-ghan illi idahhal dawn il-flus mhux bhala xi forma ta' *commission* izda biss biex idahhal il-flus kollha f'butu u xejn izjed! L-imputat lanqas biss kien jaf min huma dawn in-nies u ghalhekk certament ma seta' jezercita l-ebda influwenza

fuq hadd! Kwindi anke l-elementi legali sabiex jirnexxi dana ir-reat ma jissussistux.

Finalment l-Avukat Generali jindika ir-reat tal-falsifikazzjoni ikkontemplat fl-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

"***Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena***"

Illi l-Avukat Generali x'aktarx illi hawnhekk qed jaghmel referenza ghal *emails* iffabrikati mil-imputat sabiex jikkonvincu lill-parti leza tasal biex temmen il-messa in xena li kien ivvinta. Mir-rapport esebiet minn Dr. Martin Bajjada jirrizulta illi mil-appendici D tad-Dokument AG8 mit-tlettax-il *email* li intbaghtu, dawk bin-numri 3, 4 u 9 datati 31 ta' Awwissu 2007 u 25 ta' Settembru 2007 intbaghtu mil-imputat lilu innifsu. F'dawn l-*emails* isemmi xi nies fosthom certu Walid, Kamal u Chedly li mill-provi jidher illi mhux minnu li l-imputat kellu xi kuntatti maghhom. Inoltre anke il-kontenut taghhom jikkontjeni informazzjoni inveritjiera rigward l-arrangamenti ghal vjagg u il-laqgha li allegatament kellha issir gewwa Tunez u l-kancellament ta'l-istess. Illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi l-informazzjoni kollha li hemm fuq dawn id-dokumenti u cioe' *emails* huma foloz u kwindi dana ir-reat jirrizulta ippruvat. Izda billi dawn id-dokumenti intuza mil-imputat sabiex jikseb l-ghan tieghu li jiddefroda lill-parti leza u kienu parti mil-messa in xena ikkreata minnu sabiex igieghlu lil Grech temmen dak li ma kienx jezisti, l-Qorti sejra tghaddi biex tapplika id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 17(h) tal-Kap.9.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputat, l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat huwa recidiv u li ikkometta dawn ir-reati fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu minn dina l-Qorti kif

diversament ippresjeduta tas-6 ta' Dicembru 2006 fejn l-imputat gie ikkundannat ghal perijodu ta' sena prigunerija sospiza ghal zmien sentejn.[12] Illi ghalkemm mil-atti jirrizulta illi l-imputat ibati minn certu kundizzjonijiet ta' sahha fizika fejn anke ikollu bzonn il-kura medika, madanakollu in vista tal-premess, il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li timponi piena karcerarja effettiva fuq l-imputat u li iggib fis-sehh is-sentenza sospiza ta' prigunerija hawn fuq imsemmija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 310(1)(a), 189, 17(h), u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta' sena u nofs prigunerija. Inoltre wara li rat l-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta iggib fis-sehh is-sentenza sospiza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Dicembru 2006 u tikkundanna lill-imputat ghal sena ohra prigunerija biex b'hekk l-imputat b'kollox irid jiskonta il-piena ta' sentejn u nofs prigunerija.

Wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas lil Diane Grech is-somma ta' €122,805 u dana fi zmien tlett snin mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €565.83 lir-Registratur tal-Qorti in konnessjoni ma' spejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[12] Sentenza Dokument AG7 a fol.71